**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Louay Ramandan

**Xiehda: traskrizzjoni**

*L-iskop ta' l-istruttorja hu li proċess, li talvolta jrid imur quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jkun istruwit b'dak kollu li hu essenzjali kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża. Tali istruzzjoni għandha ssir mhux biss b'mod legalment u fattwalment korrett u preċiż, iżda ukoll b'mod*

*effiċjenti. Din l-effiċjenza ma tintlahaqx billi x-xhud jithalla jitkellem direttament fuq it-*tape*. Il-Qorti Istruttorja, bhal kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, mhux biss ghandha l-obbligu li ma thallix li jsiru affarijiet irrelevanti jew li jikkawżaw dewmien mhux meħtieġ, iżda ghandha l-obbligu li fejn xhud mhux ċar - u sfortunatament ix-xhud tipiku Malti mhux rinomat ghall-kjarezza tal-ħsieb u l-espressjoni tieghu - tipprova tara eżattament x'qed jipprova jghid dak ix-xhud, u dan fl-interess tar-riċerka tal-verita'. Anqas ma hu meħtieġ bhala regola li l-mistoqsijiet li jsiru lix-xhud kemm in eżami kif ukoll in kontro-eżami jiġu rreġistrati direttament fuq it-*tape *biex jiġu traskritti.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Louay Ramadan talli fil-5 ta' Ġunju, 1994 ghall-ħabta tas-1.30 p.m. hebb ghal martu Miriam Ramadan ta' tmintax-il sena u kkaġunalha offiża ta' natura gravi, liema offiża kkaġunat debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti ta' l-imsemmija Miriam Ramadan;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Lulju, 1996; rat il-kunsens ta' l-imputat, irreġistrat fl-udjenza ta' l-14 ta' Awissu, 1996, sabiex il-każ tieghu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 1996, li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Louay Ramadan ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 318 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu ghall-piena ta' sena priġunerija sospiża ghall-sena skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Louay Ramadan, minnu ppreżentat fit-8 ta' Novembru, 1996, li bih huwa talab ir-

revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 1997; ikkunsidrat:

Din il-Qorti tħossha fid-dover li qabel xejn tagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-mod kif f'ċerti awli tal-Qorti Inferjuri u speċjalment fil-kumpilazzjonijiet qed jiġu rreġistrati d-deposizzjonijiet tax-xhieda, kif ukoll dwar il-mod kif dawn id-deposizzjonijiet qed jiġu traskritti;

Il-liġi tipprovdi tliet metodi kif ix-xiehda tiġi reġistrata fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. L-ewwel metodu hu li l-maġistrat istruttur iniżżel bil-miktub, ossia jikteb b'idejh, ix-xiehda li tkun ingħatat. Dan il-metodu hu impliċitu fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 390 (1) (2), 391 (1), 392 (3) (4) u 395 tal-Kodiċi Kriminali. Hemm imbagħad is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 390 ta' l-imsemmi Kodiċi li jipprovdi għat-teħid tax-xiehda jew bl-istenografija (l-istenografi ilhom kważi ħmistax-il sena li, sfortunatament, sparixxew mill-Qorti) jew li dik ix-xiehda tiġi reġistrata b'mezzi elettromanjetiċi. F'każ li jiġi applikat dan is-subartikolu, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kap. 284, it-traskrizzjoni ta' l-istenografat jew tat-*tape* trid tinqara lix-xhud mir-reġistratur jew matul is-seduta jew wara s-seduta u titniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni. It-tielet metodu hu dak skond l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti (Kap. 284), liġi li tapplika għall-proċedimenti kollha, kemm ċivili kif ukoll penali. Permezz ta' din il-liġi, ma għadx hemm il-ħtieġa li t-traskrizzjoni tinqara mir-reġistratur lix-xhud waqt jew wara s-seduta basta naturalment li jiġu osservati l-formalitajiet li tirrikjedi l-istess liġi. Skond din il-liġi l-Qorti tista' tordna (i) jew li l-proċediment kollu jew parti minnu jiġi rreġistrat fuq it-*tape* (artikolu 3) jew (ii) li s-sustanza biss tal-proċediment jew tax-

xiehda miġjuba waqt il-proċediment tiġi hekk reġistrata (artikolu 4). Meta l-Qorti tordna li s-sustanza biss tax-xiehda tiġi rreġistrata, din (ċjoe' s-sustanza tax-xhieda) tiġi ddettata mill-Qorti - mill-Imħallef jew Maġistrat li jkun - fuq ir-reġistratur elettro-manjetiku fil-preżenza tax-xhud li jkun qed jiddeponi. Issa huwa veru li l-liġi tħalli l-għażla f'idejn il-Qorti jekk għandux jiġi rreġistrat kollox jew biss is-sustanza tal-proċediment jew tax-xiehda. L-esperjenza iżda tindika li ħlief f'każijiet partikolari jekk mhux addirittura eċċezzjonali, huwa kontro-indikat li fl-istruttorja d-deposizzjoni ta' xhud tiġi rreġistrata fl-intier tagħha, jiġifieri li kulma jgħid jiġi rreġistrat direttament fuq it-*tape*, flok ma tiġi ddettata mill-Qorti is-sustanza tax-xiehda tiegħu. Din il-Qorti ilha tinnota li f'ċerti awli tal-Qrati Inferjuri fil-kors ta' l-istruttorja x-xiehda qed tittiehed billi jinxtegħlu l-mikrofoni tax-xhud tal-prosekutur, ta' l-avukat difensur u tal-Qorti u kull ma jingħad minn kull naħa jiġi rreġistrat u eventwalment traskritt. Dan qed jirriżulta fi traskrizzjonijiet xi mindaqqiet interminabbli miżgħuda b'affarijiet irrelevanti u b'sentenzi u frażijiet li ma jagħmlux sens għax ix-xhud waqt li jkun qed jitkellem ma jkunx kapaċi jesprimi ruħu sew. L-iskop ta' l-istruttorja hu li proċess, li talvolta jrid imur quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ikun istrutwit b'dak kollu li hu essenzjali kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża. Tali istruzzjoni għandha ssir mhux biss b'mod legalment u fattwalment korrett u preċiż; iżda ukoll b'mod effiċjenti. Din l-effiċjenza ma tintlaħaqx billi x-xhud jitħalla jitkellem direttament fuq it-*tape*. Il-Qorti Istruttorja bħal kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, mhux biss għandha l-obbligu li ma tħallix li jsiru affarijiet irrelevanti jew li jikkawżaw dewmien mhux meħtieġ (artikolu 520 (2), Kap. 9) iżda għandha l-obbligu li fejn xhud mhux ċar - u sfortunatament ix-xhud tipiku Malti mhux rinomat għall-kjarezza tal-ħsieb u l-espressjoni tiegħu - tipprova tara eżattament x'qed jipprova jgħdi dak ix-xhud u dan fl-interess tar-riċerka tal-verita'. Anqas mhu meħtieġ, bħala

regola, li l-mistoqsijiet li jsiru lix-xhud, kemm in eżami kif ukoll in kontro-eżami, jiġu rreġistrati direttament fuq it-*tape* biex jiġu traskritti. Inoltre, hu ferm aktar faċli għal min jagħmel it-traskrizzjoni li jittraskrivi dak li jkun iddetta l-maġistrat, milli jipprova jagħmel sens minn tnejn, tlieta jew aktar vuċijiet differenti fuq l-istess *tape*. Fil-każ in diżamina, per eżempju, it-tieni deposizzjoni tat-Tabib Richard Soler (fol.60-64) fiha diversi sentenzi li jispiċċaw b'puntini (...) li jindikaw xi kliem li ntqalu iżda li għal xi raġuni ma setgħux jiġu traskritti. L-istess jista' jingħad għat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tat-Tabib Thomas Fenech (fol. 91-96) li f'partijiet minnhom ma tifthiemx proprju għax jidher li hemm kliem nieqsa u sentenzi li jintemmu ħesrem;

Din il-Qorti hi preokkupata ukoll dwar il-mod xejn feliċi li bih qed isiru t-traskrizzjonijiet (jiġi sottolineat li dan qed jingħad mhux biss għall-każ in diżamina). Apparti d-diffikultajiet li t-traskrittur jista' jkollu minħabba li ma jkunx fehem xi kliem jew espressjonijiet fuq it-*tape*, din il-Qorti ma tifhimx għala xi uħud minn dawn it-traskrizzjonijiet għandhom ikunu mimlija żbalji ortografiċi - qisu l-ilsien Malti twieled il-bieraħ - u magħmula b'tali mod li jagħmluha diffiċli li jinqraw - b'*typewriters* b'tipi mhux allinjati u bl-użu ta' *ribbon* li tkun kważi spiċċat, jew mingħajr format uniformi. Ir-reġistratur, li fl-aħħar mill-aħħar hu responsabbli għal dawn it-traskirzzjonijiet (ara l-artikolu 3 (2) (3) tal-Kap. 284), għandu jassigura li l-format ta' kull traskrizzjoni jkun tali li jiffaċilita l-qari mingħajr ma t-traskrizzjoni la tiġi mrassa biex kollox jidħol f'paġna waħda u lanqas ikun hemm tant spazju bejn sentenza u oħra li jintilef il-fil fil-qari. Paġni bħal fol. 62 fil-proċess odjern, b'marġini tax-xellug ta' tliet pulzieri u b'*two-*, *three-* jew *four-line spacing* bejn sentenza u oħra - b'mod li f'faċċata waħda jidħlu appena wieħed u ħamsin kelma dattiloskritta - jista' jkollhom skop, pero' dan l-iskop ċertament mhux dak li jiġi faċilitat il-qari! Din il-Qorti mhix bi ħsiebha tittollera aktar

affarijiet bħal dawn fi proċessi li jitilgħu quddiemha għall-finijiet ta' appell u għalhekk qed tordna lir-Reġistratur sabiex jieħu l-miżuri opportuni fir-rigward;

Kwantu għall-meritu ta' l-appell odjern, l-appellant qed jikkontendi bażikament li hu ma kienx responsabbli għad-distakk tar-retina li soffriet martu u li f'ebda ħin ma refa' jdejh fuqha. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti tara li għalkemm l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li l-versjoni mogħtija minn mart l-appellant kienet il-versjoni vera ta' dak li ġara (u ċjoe' li l-appellant fil-5 ta' Ġunju, 1994 fil-kors ta' litiġju li kellu ma' martu taha żewġ daqqiet ta' ħarta b'mod li ħabbtilha rasha mal-ħajt u anke taha daqtejn b'idejh miftuħa ġo għajnejha) ma kien hemm ebda prova konklużiva li d-distakk tar-retina kien ġie kkawżat b'xi waħda minn dawk id-daqqiet. Għalkemm il-kumpilazzjoni ħadet mas-sentejn, b'erbatax-il rinviju (li fil-parti l-kbira tagħhom ma sar xejn), la l-prosekuzzjoni (uffiċjal tal-pulizija u Avukat Ġenerali) u lanqas il-Qorti Istruttorja bis-setgħa tagħha skond l-artikolu 397 tal-Kap. 9 ma deherilhom li kellhom jagħmlu l-mistoqsija biex ix-xhud Miriam Ramadan tgħid x'kien l-istat tal-vista tagħha immedjatament qabel dan l-inċident u x'ħasset jew x'ġara immedjatament wara. Kif spjegaw it-tobba, distakk tar-retina jista' jiġri b'kull skoss rifless fir-ras (speċjalment meta l-persuna li tkun ikollha korta vista akuta), pero' tali skoss jista' jkun dovut għal diversi fatturi u mhux biss għal daqqiet diretti fuq ir-ras. Għalkemm wieħed jista' raġonevolment jgħid li kien probabbli li dana d-distakk ġara minħabba dawk id-daqqiet ma hemm ebda prova li a bażi tagħha wieħed jista' jgħid b'ċertezza morali li hemm in-ness bejn dak l-inċident u l-ħsara fil-għajn ta' Miriam Ramadan;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u ċjoe' billi tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna

ta' martu fit-termini ta' l-artikolu 218 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija sospiża għal sena u minflok issibu ħati talli fil-jum u fil-ħin indikati fl-imputazzjoni kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq martu u wara li rat l-artikoli 221 (1) u 222 (1) (a) tal-Kap. 9 tikkundannah għall-piena ta' erbgħin (40) jum priġunerija liema sentenza ta' priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sena mil-lum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat bi kliem ċar lill-appellant ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti tordna lir-reġistratur jagħmel id-debita annotazzjoni skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Fl-aħħarnett in vista ta' dak li jingħad fil-paragrafu 3 ta' din is-sentenza, il-Qorti tordna li kopja tagħha tiġi minnufih ikkomunikata lill-Assistent Reġistratur Prinċipali Dott. Kevin Aquilina.

---